

21995D0302(10)

L 47/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

2.3.1995

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 10/95

tas-27 ta' Jannar 1995

## li temenda l-Anness XVII (Proprietà Intelletwali) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XVII għall-Ftehim ġie l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 7/94 tal-21 ta' Marzu 1994 li temenda l-Protokoll 47 u ċerti l-Annessi għall-Ftehim taż-ŻEE <sup>(1)</sup>;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/373/KE tas-27 ta' Ġunju 1994 dwar l-estensjoni tal-protezzjoni legali tat-topografiji ta' prodotti ta' semikondutturi għal persuni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika għandha <sup>(2)</sup> tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

## Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal fl-Anness XVII għall-Ftehim wara l-punt 3(e) (Direttiva tal-Kunsill 94/4/KEE) qabel l-addattament:

“(f) **394 D 0373**: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/373/KE tas-27 ta' {unju 1994 dwar l-estensjoni tal-protezzjoni legali tat-topografiji ta' prodotti ta' semikondutturi għal persuni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika (ĠU L 170, tal-5.7.1994, p. 34).”

## Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 94/373/KE fil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Frar 1995, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Jannar 1995.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

G. J. L. AVERY

<sup>(1)</sup> ĠU L 160, tad-28.6.1994, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 170, tal-5.7.1994, p. 34.